KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fil-11 ta' Ġunju 2015[1]

**Kawża C-266/14**

**Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones Obreras (CC.OO.)**
**vs**
**Tyco Integrated Security SL,**
**Tyco Integrated Fire & Security Corporation Servicios SA**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Nacional (Spanja)]

"Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema — Direttiva 2003/88/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Kunċett ta' 'ħin tax-xogħol' — Ħaddiema itineranti — Nuqqas ta' post tax-xogħol fiss jew abitwali — Ħin għall-ispostament mid-dar tal-ħaddiema lejn l-ewwel klijent u mill-aħħar klijent lejn id-dar tal-ħaddiema"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol[2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones Obreras (CC.OO.) kontra Tyco Integrated Security SL u kontra Tyco Integrated Fire & Security Corporation Servicios SA (iktar 'il quddiem l-"impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali") dwar ir-rifjut ta' dawn tal-aħħar li jirrikonoxxu bħala "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88, il-ħin li l-impjegati tagħhom jiddedikaw kuljum biex imorru mid-dar tagħhom sal-ewwel klijent u mill-aħħar klijent tagħhom lejn darhom.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, se jiġu esposti r-raġunijiet għaliex nikkunsidra li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, jikkostitwixxi "ħin tax-xogħol", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-ħin li l-ħaddiema itineranti, jiġifieri ħaddiema li ma għandhomx post fiss jew abitwali tax-xogħol, jiddedikaw biex imorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent indikat mill-persuna li timpjegahom u mill-aħħar klijent indikat mill-persuna li timpjegahom lejn id-dar tagħhom.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/88 jgħid:

“1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-siġurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

2. Din id-Diretiva tapplika għal:

(a) il-perjodi minimi ta’ serħan ta’ kull jum, serħan ta’ kull ġimgħa u leave annwali, għal waqfien u ħin tax-xogħol massimu ta’ kull ġimgħa; u

(b) ċerti aspetti tax-xogħol bil-lejl, ix-xogħol bix-shift u t-tendenzi tax-xogħol.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għas-setturi kollha ta’ l-attività, kemm pubblika u wkoll privata, fil-qofol tat-tifsira ta’ l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE [3], mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14, 17, 18 u 19 ta’ din id-Direttiva.

Din id-Direttiva m’għandhiex tapplika għal baħħara, kif definiti fid-Direttiva 1999/63/KE mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(8) ta’ din id-Direttiva [4].

4. Id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 89/391[...] għandhom ikunu applikabbli bis-sħiħ għall-materji kollha li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2, mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet aktar iebsa u/jew speċifiċi li jinstabu f’din id-Direttiva.”

5. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88, bl-isem “Definizzjonijiet”, jistabbilixxi fil-punti 1, 2 u 7:

“Għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. ‘ħin tax-xogħol’ ifisser kwalunkwe perjodu li matulu il-ħaddiem ikunu għax-xogħol, għad-disposizzjoni ta’ min jimpjegah u jwettaq l-attivitajiet jew id-doveri tiegħu, b’konformità mal-liġijiet nazzjonali u/jew prattiċi;

2. ‘perjodu ta’ serħan’ ifisser kwalunkwe perjodu li ma jkunx il-ħin tax-xogħol;

[...]

7. ‘ħaddiem mobbli’ jfisser kwalunkwe ħaddiem impjegat bħala membru ta persunal ta’ l-ivvjaġġar jew tat-titjir minn impriża li topera servizzi tat-trasport għall-passiġġieri jew il-merkanzija bit-triq, bl-ajru jew b’kanali ta’ l-ilma nterni.”

6. L-Artikolu 3 ta’ din id-Direttiva, intitolat “Serħan ta’ kull jum”, huwa fformulat kif ġej:

“L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu ta’ serħan kull jum ta’ 11-il siegħa konsekuttivi f’perjodu ta’ 24-siegħa.”

3 — Direttiva tal-Kunsill, tat-12 ta’ Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta’ miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349).

4 — Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE, tal-21 ta’ Ġunju 1999, dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta’ xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (AKESB) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FUĦT) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 363).

B – *Id-dritt Spanjol*

7. L-Artikolu 34 tat-test ikkonsolidat tal-istatut tal-ħaddiema, li jirriżulta mid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/1995 (Real Decreto Legislativo 1/1995 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Estatuto de los Trabajadores), tal-24 ta' Marzu 1995 [5], fil-verżjoni tiegħu applikabbli fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, jgħid:

"1. Il-ħin tax-xogħol għandu jkun dak miftiehem fil-ftehim kollettiv jew fil-kuntratti tax-xogħol.

Il-perijodu massimu ta' ħin tax-xogħol ordinarju għandu jkun ta' medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa ta' xogħol effettiv kkalkulati fis-sena.

[...]

3. Għandu jkun hemm minimu ta' perijodu ta' tnax-il siegħa bejn it-tmiem ta' jum ta' xogħol u l-bidu tal-jum tax-xogħol ta' wara.

In-numru ta' sigħat ordinarji tax-xogħol effettiv ma jistax jaqbeż disa' sigħat kuljum, sakemm ftehim kollettiv jew, fin-nuqqas tiegħu, ftehim konkluż bejn l-impriża u r-rappreżentanti tal-ħaddiema ma jipprevedix tqassim ieħor tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum, bil-ħin tal-mistieħ bejn jumejn ta' xogħol jibqa' jiġi osservat fi kwalunkwe każ.

[...]

5. Il-ħin tax-xogħol għandu jiġi kkalkulat b'mod li l-ħaddiem ikun fil-post tax-xogħol tiegħu kemm fil-bidu kif ukoll fl-aħħar tal-jum.

[...]"

## II – **Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

8. L-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma żewġ impriżi ta' installazzjonijiet u ta' manutenzjoni ta' sistemi ta' sigurtà li għandhom bħala attività prinċipali li jinstallaw u jżommu fi stat ta' funzjonament, rispettivament, sistemi ta' żvelar ta' dħul mhux awtorizzat u ta' sistemi kontra s-serq fil-ħwienet.

9. It-tekniċi ta' dawn iż-żewġ impriżi, madwar 75 ruħ għal kull waħda minnhom, jipprovdu s-servizzi tagħhom fil-biċċa l-kbira tal-provinċji Spanjoli, b'kull wieħed minnhom ikun marbut ma' provinċja jew żona territorjali partikolari.

10. Fl-2011, l-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali għalqu l-uffiċċji tagħhom fid-diversi provinċji u żammew l-impjegati kollha tagħhom fl-uffiċċju ċentrali ta' Madrid (Spanja).

11. It-tekniċi ta' dawn iż-żewġ impriżi jinstallaw u jżommu fi stat ta' funzjonament it-tagħmir ta' sigurtà fid-djar privati u fl-istabbilimenti industrijali u kummerċjali stabbiliti fiż-żona territorjali li magħhom huma assenjati u li tinkludi parti jew il-provinċja kollha fejn jaħdmu, kif ukoll diversi provinċji.

5 — BOE Nru 75, tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654.

12. Dawn il-ħaddiema għandhom karozza tal-impriża, li permezz tagħha jmorru kuljum minn darhom lejn il-postijiet fejn għandhom iwettqu l-operazzjonijiet ta' installazzjoni jew ta' manutenzjoni tas-sistemi ta' sigurtà. Huma jużaw din l-istess vettura biex imorru lura lejn darhom fl-aħħar tal-ġurnata.

13. Skont l-Audiencia Nacional (Spanja), id-distanza bejn id-dar ta' ħaddiem u l-post fejn dan għandu jagħmel biċċa xogħol tista' tvarja b'mod kunsiderevoli u kultant anki taqbeż il-100 kilometru.

14. Barra minn hekk, it-tekniċi jkollhom imorru, darba jew diversi drabi fil-ġimgħa, fl-uffiċċji ta' aġenzija loġistika ta' trasport qrib id-dar tagħhom biex jirkupraw materjal kif ukoll tagħmir u partijiet żarmati li jkunu jeħtieġu għall-interventi tagħhom.

15. Biex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, dawn il-ħaddiema għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom telefon ċellulari Blackberry li jippermettilhom jikkomunikaw mill-bogħod mal-uffiċċju ċentrali ta' Madrid. Applikazzjoni installata fit-telefon tagħhom tippermettilhom li jirċievu kuljum lejliet il-jum tax-xogħol tagħhom il-mappa tar-rotta għas-siti differenti li huma jkollhom iżuru matul dik il-ġurnata, ġewwa ż-żona territorjali ta' xogħol tagħhom, kif ukoll is-sigħat tal-appuntamenti mal-klijenti. Bl-għajnuna ta' applikazzjoni oħra, dawn l-istess ħaddiema jieħdu nota tad-data tax-xogħol li jkunu għamlu u jittrażmettuha lill-impriża tagħhom, sabiex jirreġistraw dak li jiltaqgħu miegħu u x'operazzjonijiet ikunu wettqu.

16. L-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jgħoddux bħala ħin tax-xogħol il-ħin li jiġi ddedikat għall-ewwel spostament matul il-ġurnata, jiġifieri mit-tluq mid-dar tal-ħaddiem lejn l-ewwel klijent, u lanqas il-ħin ddedikat għall-aħħar spostament ta' kuljum, jiġifieri mis-sit tal-aħħar klijent sad-dar tal-ħaddiem. Għalhekk, huma jikkunsidraw li dan ikun ħin ta' mistrieħ.

17. Għaldaqstant, l-impriżi inkwistjoni jikkalkulaw il-jum tax-xogħol skont il-ħin li jkun għadda minn meta l-ħaddiem jasal fuq is-sit tal-ewwel klijent tal-jum u l-mument meta dan il-ħaddiem jitlaq mis-sit tal-aħħar klijent, bl-uniċi spostamenti li jittieħdu inkunsiderazzjoni jkunu l-ispostamenti intermedji bejn il-klijenti.

18. Qabel ma ngħalqu l-uffiċċji provinċjali, l-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jikkalkulaw il-ħin tax-xogħol bħala li jibda jgħaddi meta l-ħaddiem ikun wasal fil-postijiet tal-impriża sabiex jieħu minn hemm il-vettura li titpoġġa għad-dispożizzjoni u jirċievi l-lista tal-klijenti li għandu jżur kif ukoll il-mappa tar-rotta. Il-ħin tax-xogħol kien jispiċċa meta kien imur lura fil-postijiet tal-impriża sabiex iħalli l-vettura hemmhekk.

19. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-kunċetti ta' ħin tax-xogħol u ta' ħin tal-mistrieħ immorru kontra xulxin fid-Direttiva 2003/88 u li għalhekk, din id-direttiva ma tippermettix il-possibbiltà ta' sitwazzjonijiet intermedji. Dik il-qorti tinnota wkoll li l-ħin għall-ispostament mid-dar tal-ħaddiem lejn il-post tax-xogħol tiegħu u mill-post tax-xogħol tiegħu lejn id-dar tiegħu ma jitqiesx li huwa ħin tax-xogħol mill-Artikolu 34(5) tat-test ikkonsolidat tal-istatut tal-ħaddiema. Skont dik il-qorti, il-leġiżlatur nazzjonali kien għażel dik is-soluzzjoni għaliex ikkunsidra li l-ħaddiem huwa liberu li jagħżel il-post fejn jistabbilixxi d-dar tiegħu, li jfisser li huwa stess jagħżel li jgħix kemxejn 'il bogħod mill-post tax-xogħol tiegħu skont il-possibbiltajiet tiegħu.

20. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, fil-każ ta' ħaddiema mobbli tas-settur tat-trasport fl-art, dan il-kunċett għandu jiġi sfumat. Fil-fatt, għal din il-kategorija ta' ħaddiema, il-leġiżlatur nazzjonali jidher li kien ikkunsidra li l-post tax-xogħol tagħhom qiegħed fil-vettura stess, b'mod li l-ħin għall-ispostament ta' dawn il-ħaddiema jitqies li huwa ħin tax-xogħol. Dik il-qorti, għalhekk, tistaqsi dwar jekk is-sitwazzjoni tal-ħaddiema inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax titqies li hija analoga għal dik ta' ħaddiema mobbli tas-settur tat-trasport.

21. Għall-qorti tar-rinviju, il-fatt li l-ħaddiema inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkunu informati bil-vjaġġ li jkollhom jagħmlu u bis-servizzi partikolari li jkollhom jipprovdu lill-klijenti ftit tas-sigħat qabel l-appuntament fuq it-telefon ċellulari tagħhom għandu l-konsegwenza li dawn il-ħaddiema ma jkollhomx iżjed l-għażla li jadattaw il-ħajja privata tagħhom u l-post ta' residenza tagħhom skont il-qrubija tal-post tax-xogħol tagħhom, għaliex dan ivarja kuljum. Minn dan jirriżulta li l-ħin ta' spostament ma jistax jitqies li huwa ħin ta' mistrieħ, b'mod partikolari meta jitqies l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema li għandha d-Direttiva 2003/88. Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, dan lanqas ma jirrigwarda ħin li matulu l-ħaddiem ikun, proprjament, għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjegah biex dan tal-aħħar ikun jista' jagħtih biċċa xogħol li tkun minbarra l-ispostament innifsu. Madankollu, il-punt jekk, skont din id-direttiva, hemmx lok li jiġi kkunsidrat li dak huwa ħin tax-xogħol jew perijodu ta' mistrieħ, ma huwiex ċar.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Audiencia Nacional iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħin li ħaddiem li ma għandux post fiss tax-xogħol, iżda għandu jivvjaġġa kuljum mid-domiċilju tiegħu għas-sede ta' klijent tal-impriża differenti kuljum u jmur lura d-dar mis-sede ta' klijent ieħor differenti (skont rotta jew lista li l-impriża tibgħatlu lejliet) fil-limiti ta' żona ġeografika ftit jew wisq kbira fiċ-ċirkustazni tal-kawża prinċipali, juża sabiex jivvjaġġa fil-bidu u fit-tmiem ta' jum tax-xogħol għandu jitqies bħala 'ħin tax-xogħol' fis-sens tad-definizzjoni li jagħti l-Artikolu 2 tad-direttiva jew, għall-kuntrarju, għandu jitqies bħala 'perjodu ta' serħan'?"

## III – **L-analiżi tiegħi**

23. Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi jekk l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88 għandux jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, huwiex "ħin tax-xogħol", fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, il-ħin li l-ħaddiema itineranti, jiġifieri dawk il-ħaddiema li ma għandhomx post tax-xogħol fiss jew abitwali, jiddedikaw biex imorru minn darhom lejn l-ewwel klijent indikat mill-persuna li timpjegahom u mill-aħħar klijent indikat mill-persuna li timpjegahom lejn id-dar tagħhom.

24. Id-Direttiva 2003/88 għandha l-għan li tistabbilixxi rekwiżiti minimi maħsuba sabiex itejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol tal-ħaddiema permezz tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar, b'mod partikolari, il-ħinijiet tax-xogħol. Din l-armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' kif jiġi organizzat il-ħin tax-xogħol għandha l-għan li tiggarantixxi protezzjoni aħjar tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema, biex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jibbenefikaw minn perijodi minimi ta' mistrieħ — b'mod partikolari kuljum u fil-ġimgħa — kif ukoll minn perijodi ta' pawża adegwati u li tistabbilixxi limitu ta' 48 siegħa għall-medja ta' kemm iddum ġimgħa tax-xogħol, limitu massimu li dwaru huwa espressament ippreċiżat li dan jinkludi s-sigħat addizzjonali [6].

25. Fid-dawl ta' dan l-għan essenzjali, kull ħaddiem għandu b'mod partikolari jgawdi minn perijodi ta' mistrieħ adegwati li mhux biss għandhom ikunu effettivi, billi jippermettu lill-persuni kkonċernati li jirkupraw mill-għeja tax-xogħol tagħhom, iżda għandhom ukoll ikunu ta' natura preventiva b'mod li jnaqqsu, sa fejn possibbli, ir-riskju li jiġu mittiefsa s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema li l-akkumulazzjoni ta' perijodi ta' xogħol mingħajr il-mistrieħ meħtieġ tista' ġġib magħha [7].

6 — Digriet Grigore (C-258/10, EU:C:2011:122, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

7 — Sentenza Jaeger (C-151/02, EU:C:2003:437, punt 92).

26. Id-diversi regoli li d-Direttiva 2003/88 toħloq dwar il-perijodu massimu tax-xogħol u tal-ħin minimu tal-mistrieħ jikkostitwixxu regoli tad-dritt soċjali tal-Unjoni li għandhom importanza partikolari li għandu jibbenefika minnhom kull ħaddiem bħala regoli minimi meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tiegħu [8].

27. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li din id-direttiva ddefinixxiet il-kunċett ta' "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tagħha, bħala kull perijodu li matulu l-ħaddiem ikun għax-xogħol, għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjegah u fl-eżerċizzju tal-attività tiegħu jew tal-funzjonijiet tiegħu, skont il-leġiżlazzjonijiet u/jew prattiki nazzjonali, u li l-istess kunċett għandu jinftiehem b'kuntrast mal-perijodu ta' mistrieħ billi dawn iż-żewġ kunċetti jeskludu lil xulxin [9].

28. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, minn naħa, id-Direttiva 2003/88 ma tipprovdix għall-kategorija intermedja bejn il-perijodi ta' xogħol u dawk ta' mistrieħ u li, min-naħa l-oħra, fost l-elementi karatteristiċi tal-kunċett tal-"ħin tax-xogħol", fis-sens ta' din id-direttiva, ma tidhirx l-intensità tax-xogħol imwettaq mill-impjegat jew l-effiċjenza tiegħu [10].

29. Għalhekk, din id-direttiva ma tistabbilixxix "perijodi griżi" li jidħlu bejn il-ħin tax-xogħol u l-ħin tal-mistrieħ. Skont is-sistema stabbilita mil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet approċċ binarju li bis-saħħa tiegħu dak li ma jidħolx fil-kunċett ta' ħin tax-xogħol jaqa' taħt il-kunċett ta' ħin ta' mistrieħ, u bil-kontra.

30. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-kunċetti ta' "ħin tax-xogħol" u ta' "perijodu ta' serħan" skont id-Direttiva 2003/88 jikkostitwixxu kunċetti tad-dritt tal-Unjoni li għandhom jiġu ddefiniti skont karatteristiċi oġġettivi b'riferiment għas-sistema u l-għan ta' din id-direttiva li trid tistabbilixxi regoli minimi maħsuba biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-ħaddiema. Fil-fatt, hija biss tali interpretazzjoni awtonoma li hija ta' natura li tiżgura l-effett sħiħ ta' din id-direttiva kif ukoll applikazzjoni uniformi tal-kunċetti msemmija fl-Istati Membri kollha [11].

31. Id-definizzjoni ta' "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88, hija bbażata fuq tliet kriterji li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li għandhom jitqiesu li huma kumulattivi. Dawn huma l-kriterju spazjali (li jkun fuq il-post tax-xogħol), il-kriterju tal-awtorità (li jkun għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjega) u l-kriterju professjonali (li jkun fl-eżerċizzju tal-attività tiegħu jew tal-funzjonijiet tiegħu) [12].

32. In-nuqqas li jitqies li huwa "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88, il-ħin li l-ħaddiema itineranti jiddedikaw biex imorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent indikat mill-persuna li timpjegahom u mill-aħħar klijent indikat mill-persuna li timpjegahom lejn id-dar tagħhom, fil-fehma tiegħi jmur kontra din id-direttiva sa fejn, għal dak li jirrigwarda din il-kategorija ta' ħaddiema, jingħaqdu t-tliet kriterji li huma msemmija fid-definizzjoni li jidhru f'din id-dispożizzjoni.

33. Nibda l-espożizzjoni tiegħi bl-aħħar kriterju mit-tliet kriterji enumerati, jiġifieri li l-ħaddiem ikun fl-eżerċizzju tal-attività tiegħu jew tal-funzjonijiet tiegħu.

8 — Digriet Grigore (C-258/10, EU:C:2011:122, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 — *Ibidem* (punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 — *Ibidem* (punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11 — *Ibidem* (punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Ara, fir-rigward tas-sentenza Jaeger (C-151/02, EU:C:2003:437), il-kummentarju ta' Vigneau, C., *European Review of Private Law*, Nru 13, Vol. 2, Kluwer Law International, Il-Pajjiżi l-Baxxi, 2005, p. 219, speċjalment p. 220.

34. L-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkunsidraw li l-attività tat-tekniċi li huma jimpjegaw għandha tiġi estiża biss bħala twettiq ta' xogħlijiet tekniċi ta' installazzjoni u ta' manutenzjoni tas-sistemi ta' sigurtà. Iżda, skont dawn, il-vjaġġ li jsir bejn id-dar ta' dawn il-ħaddiema u l-ewwel klijent kif ukoll dak li jsir bejn l-aħħar klijent u d-dar ta' dawk il-ħaddiema ma għandhomx jitqiesu li jagħmlu parti mill-attività tagħhom.

35. Jiena ma naqbilx ma' din l-opinjoni.

36. Il-ħaddiema itineranti jistgħu jiġu ddefiniti bħala ħaddiema li ma għandhomx il-post ta-xogħol fiss jew abitwali. Għalhekk, dawn il-ħaddiema jkollhom imorru jaħdmu kuljum f'siti differenti.

37. Jirriżulta minn din id-definizzjoni li l-ispostament ta' dawn il-ħaddiema huwa konġuntament sostanzjali għall-kwalità tagħhom ta' ħaddiem itineranti u għalhekk inerenti fl-eżerċizzju tal-attività tagħhom.

38. Il-ħaddiema inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom neċessarjament imorru minn post għal ieħor biex ikunu jistgħu jagħmlu l-operazzjonijiet ta' installazzjoni u ta' manutenzjoni tas-sistemi ta' sigurtà għand klijenti differenti tal-impriża li timpjegahom. Fi kliem ieħor, l-ispostamenti ta' dawn il-ħaddiema huma l-istrument neċessarju biex jeżegwixxu x-xogħol tekniku meħtieġ għand il-klijenti indikati mill-persuna li timpjegahom. Għalhekk, dawn l-ispostamenti għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-attivitajiet ta' dawn il-ħaddiema.

39. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tidher li għandha dubji speċjalment fuq jekk it-tieni kriterju tad-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol huwiex issodisfatt, jiġifieri l-kriterju jekk il-ħaddiem għandux ikunu għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjega.

40. Dan huwa, qabel kollox, kriterju ta' awtorità li jimplika l-permanenza ta' relazzjoni ta' subordinazzjoni tal-ewwel wieħed fil-konfront tat-tieni [13].

41. Li jkun għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjegah ifisser li jkun f'sitwazzjoni legali li hija kkaratterizzata mill-fatt li l-ħaddiem ikun suġġett għall-istruzzjonijiet u għas-setgħa ta' organizzazzjoni tal-persuna li timpjegah indipendentement mill-post fejn ikun dan il-ħaddiem. Fi kliem ieħor, dan huwa ħin li matulu l-ħaddiem ikun legalment obbligat li jobdi l-istruzzjonijiet tal-persuna li timpjegah u li jeżerċita l-attività tiegħu għaliha.

42. Meta l-ħaddiema itineranti jmorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent u mill-aħħar klijent lejn darhom, huma jibqgħu taħt is-setgħa ta' direzzjoni tal-persuna li timpjegahom. Dawn huma spostamenti li jsiru fil-qafas tar-relazzjoni ġerarkika li torbothom mal-persuna li timpjegahom.

43. Fil-fatt, il-ħaddiema jmorru għand klijenti li jkunu ġew iddeterminati mill-persuna li timpjegahom u biex jipprovdu servizzi għall-benefiċċju tal-persuna li timpjegahom. Kif issostni l-Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones Obreras u l-Kummissjoni Ewropea, dawn il-ħaddiema qegħdin għad-dispożizzjoni tal-persuna li timpjegahom, għaliex il-vjaġġi u d-distanzi li jridu jkopru jiddependu esklużivament mir-rieda ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, meta huma jagħmlu dawn il-vjaġġi, il-ħaddiema jkunu suġġetti għall-awtorità tal-persuna li timpjegahom, b'mod li fejn din tal-aħħar tiddeċiedi li tibdel l-ordni tal-klijenti jew tħassar appuntament, dawn il-ħaddiema jkunu kostretti li jsegwu istruzzjoni bħal dik u jgħaddu għall-klijent li jmiss skont itinerarju ġdid li jiġi stabbilit għalihom mill-persuna li timpjegahom. Barra minn hekk, matul il-vjaġġ fl-aħħar tal-ġurnata lejn darhom, il-persuna li timpjegahom tista' teżiġi li l-ħaddiema jmorru għand klijent ieħor f'każ ta' bżonn.

13 — Ara Vigneau, C., *op. cit.*, fejn hawnhekk nirreferi għad-definizzjoni li tidher f'p. 220.

44. Kuntrarjament għal dak li sostnew l-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'hekk ma huwiex biss meta dawn il-ħaddiema itineranti jkunu preżenti fuq il-post ta' fejn irid isir ix-xogħol li huma jkunu suġġetti għall-istruzzjonijiet tal-persuna li timpjegahom.

45. Matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, issemma' l-biża' li l-ħaddiema japprofittaw mill-vjaġġ li jsir fil-bidu u fl-aħħar tal-ġurnata biex jaqdu l-affarijiet personali tagħhom. Fil-fehma tiegħi, biża' bħal dan ma huwiex biżżejjed biex tinbidel in-natura legali tal-ħin tal-vjaġġ. Hija l-persuna li timpjega li għandha tistabbilixxi l-istrumenti tal-kontroll meħtieġa biex jiġu evitati abbużi eventwali. Hi x'inhi l-ispiża amministrattiva li l-implementazzjoni ta' kontroll bħal dak jirrappreżenta għall-persuna li timpjega, din tkun il-kontroparti għall-għażla li tkun għamlet għat-tneħħija ta' postijiet tax-xogħol fissi.

46. B'mod konkret, il-persuna li timpjega tista' titlob lill-ħaddiema biex jagħmlu l-vjaġġ l-iktar dirett possibbli. Barra minn hekk, billi dawn il-ħaddiema huma diġà obbligati li jindikaw fuq it-telefon ċellulari pprovdut lilhom mill-persuna li timpjegahom is-sigħat li jgħaddu jaħdmu mal-klijenti kif ukoll x'xogħlijiet jagħmlu għandhom, faċli li jintalbu li jniżżlu wkoll is-siegħa meta jitilqu mid-dar tagħhom u s-siegħa meta jaslu lura f'darhom. Għalhekk il-persuna li timpjega għandha l-mezzi biex tikkontrolla jekk il-ħin tal-vjaġġ bejn id-dar tal-ħaddiema u l-ewwel klijent tagħhom kif ukoll dak bejn l-aħħar klijent tagħhom u d-dar tagħhom jurix jekk hemmx abbuż jew le.

47. Jirriżulta minn dawn l-elementi li, meta jmorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent indikat mill-persuna li timpjegahom u mill-aħħar klijent indikat mill-persuna li timpjegahom lejn id-dar tagħhom, il-ħaddiema itineranti għandhom jitqiesu li huma "għad-disposizzjoni ta' min jimpjegah[om]", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88.

48. Fl-aħħar nett, jidhirli li huwa ssodisfatt il-kriterju spazjali biex il-ħaddiem jitqies li qiegħed ix-xogħol. Kif indikajt iktar 'il fuq, meta jitqies li l-ispostament huwa konsustanzjali man-natura ta' ħaddiem li jivvjaġġa, il-post tax-xogħol ma jistax jiġi ridott għall-preżenza fiżika tat-tekniċi għand il-klijenti. Jirriżulta li, meta jisselfu mezz ta' trasport biex imorru għand klijent indikat mill-persuna li timpjegahom f'kull mument li jkun fil-ġurnata tax-xogħol tagħhom, il-ħaddiema itineranti għandhom jitqiesu li qegħdin "għax-xogħol" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88.

49. Inżid ngħid li, fil-qafas tal-eżami jekk, fil-kuntest proprju ta' ħaddiema itineranti, il-kriterji tad-definizzjoni ta' "ħin tax-xogħol", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, humiex issodisfatti jew le, fil-fehma tiegħi, ma jidhirlix li għandha ssir distinzjoni jekk hemmx, minn naħa, involuti vjaġġi bejn id-dar ta' dawn il-ħaddiema u klijent, jew, min-naħa l-oħra, il-vjaġġi li jsiru minn dawn il-ħaddiema bejn żewġ klijenti. F'dan ir-rigward nosserva li ma huwiex ikkontestat li l-ispostamenti tal-ħaddiema inkwistjoni fil-kawża prinċipali bejn żewġ klijenti jitqiesu li jagħmlu parti mill-ħin tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema.

50. Barra minn hekk rajna li, fin-nuqqas ta' post tax-xogħol fiss jew abitwali, il-punt ta' tluq kif ukoll dak ta' wasla tal-ispostamenti ta' kuljum huma kkostitwiti mid-dar ta' dawn il-ħaddiema.

51. Huwa stabbilit li, fil-qafas tal-organizzazzjoni preċedenti tal-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-ħaddiema jirċievu l-itinerarju tagħhom u l-fajl tax-xogħol tagħhom meta jaslu fuq il-post tal-istabbiliment fiss. Il-vjaġġi li jagħmlu wara bejn dan l-istabbiliment u l-ewwel klijent, kif ukoll dawk li jagħmlu bejn l-aħħar klijent u dak l-istabbiliment, tqiesu bħala ħin tax-xogħol.

52. Jiena ma narax għaliex l-ispostamenti tal-bidu u fl-aħħar tal-ġurnata li, qabel, tqiesu bħala ħin tax-xogħol, fil-preżent, fil-qafas tal-organizzazzjoni ġdida tal-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom jitqiesu li huma esklużi minn dan il-kunċett.

53. Il-fatt li l-punt ta' tluq u l-punt ta' wasla tal-ispostamenti ta' kuljum huma kkostitwiti mid-dar tal-ħaddiema ma hijiex raġuni rilevanti. Dan huwa biss il-konsegwenza tal-għażla li kienet saret mill-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali li jneħħu l-istabbilimenti fissi.

54. Fil-qafas tal-organizzazzjoni ġdida tal-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-ħaddiema jirċievu d-dar tagħhom l-itinerarju li għandhom iwettqu. Meta huma jieħdu l-vettura sabiex imorru għand l-ewwel klijent, huma jkunu fl-istess sitwazzjoni tal-ħaddiema li, taħt l-organizzazzjoni l-antika tal-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jitilqu minn stabbiliment fiss ta' dawn l-impriżi biex imorru għand l-ewwel klijent tagħhom. Dan jgħodd bl-istess mod għall-vjaġġi ta' ritorn.

55. L-istess bħal dak li kien jiġri fl-organizzazzjoni antika tal-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-ispostamenti tal-ħaddiema mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent u mill-aħħar klijent lejn id-dar tagħhom għandhom għalhekk jitqiesu li huma "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88.

56. Minn meta tneħħew l-istabbilimenti fissi, il-ħaddiema tal-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jiddeterminaw iktar liberament id-distanza li tissepara d-dar tagħhom mill-post tax-xogħol tagħhom. Dawn il-ħaddiema għandhom kuljum imorru f'diversi postijiet li ma jafux ħlief lejliet il-ġurnata tax-xogħol tagħhom, u skont ordni li tiġi ffissata mill-persuna li timpjegahom. Bħall-Kummissjoni, jiena nikkunsidra li l-fatt li huma deskritti bħala "ħin tas-serħan" l-ispostamenti ta' kuljum li l-ħaddiema huma obbligati li jagħmlu biex imorru għand il-klijenti tagħhom, u li tagħhom huma la jkollhom il-kontroll u lanqas il-konoxxenza sa lejliet il-ġurnata tax-xogħol tagħhom, ipoġġi fuqhom piż sproporzjonat u jmur kontra l-għan ta' protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema mħares mid-Direttiva 2003/88. Iżda, ma jidhirx li huwa sproporzjonat li dan il-piż jassumuh l-impriżi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għamlu l-għażla, grazzi għall-użu tat-teknoloġiji ġodda, li jpoġġu fis-seħħ din l-organizzazzjoni ġdida tax-xogħol, li jieħdu benefiċċju minnha f'termini ta' tnaqqis tal-ispejjeż marbutin mal-infrastrutturi fissi u li għandhom is-setgħa li jiddeterminaw kemm idumu l-vjaġġi li jagħmlu l-ħaddiema.

57. Infakkar li d-Direttiva 2003/88 għandha bħala għan il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-fatt li tiggarantixxi perijodu minimu ta' mistrieħ jidħol f'dan l-għan. Għalhekk, l-esklużjoni tal-ħin għall-ispostament inkwistjoni fil-kawża prinċipali mill-għadd tal-ħin tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema jolqot dan il-perijodu minimu ta' mistrieħ u għaldaqstant imur kontra dak l-għan [14]. Fi kliem ieħor, id-Direttiva 2003/88 tipprekludi li l-ħin ta' mistrieħ tal-ħaddiema itineranti jitnaqqas minħabba l-esklużjoni tal-ħin tagħhom li jispostaw ruħhom fil-bidu u fl-aħħar tal-ġurnata mill-kunċett ta' "ħin tax-xogħol" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tagħha.

58. Inżid ngħid li l-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet il-kunċett ta' ħin ta' mistrieħ faċilment jippermetti li jitwarrab l-argument li l-ħin li l-ħaddiema jagħmlu jivvjaġġaw biex imorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent u mill-aħħar klijent tagħhom lejn id-dar tagħhom ma għandux jitqies li huwa "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88.

59. Għalhekk, fir-rigward ta' "perjodi xierqa ta' mistrieħ b'kumpens", fis-sens tal-Artikolu 17(2) u (3) tad-Direttiva 93/104/KE [15], il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li dawn il-perijodi għandhom jiġu kkaratterizzati mill-fatt li, matulhom, "il-ħaddiem ma jkun suġġett għal ebda obbligu lejn min iħaddmu li jista' jimpedixxih milli b'mod liberu u mingħajr interruzzjonijiet jaqdi l-interessi tiegħu sabiex jinnewtralizza l-effetti tax-xogħol fuq is-sigurtà u s-saħħa tiegħu. Għaldaqstant, dawn il-perijodi ta' mistrieħ għandhom isegwu b'mod immedjat il-ħin tax-xogħol li għalih huma intiżi li jikkumpensaw, bl-għan li jiġi evitat li l-ħaddiem jesperjenza stat ta' għeja jew ta' xogħol eċċessiv minħabba

14 — Ara, f'dan is-sens, dwar il-perijodi tal-għassa (on call), is-sentenza Simap (C-303/98, EU:C:2000:528, punt 49).

15 — Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, tat-23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197).

l-akkumulazzjoni tal-perijodi konsekuttivi ta' xogħol" [16]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li "sabiex ikun jista' jistrieħ b'mod effettiv, il-ħaddiem għandu jibbenefika mill-possibbiltà li jitlaq mill-ambjent tax-xogħol tiegħu għal numru speċifiku ta' sigħat li mhux biss għandhom ikunu konsekuttivi iżda għandhom ukoll isegwu direttament perijodu ta' xogħol, sabiex jippermettulu jirrilassa u jelimina l-għejja kkaġunata mit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu" [17].

60. Għalhekk, il-perijodi ta' mistrieħ għandhom bħala funzjoni li jagħmlu tajjeb għall-għeja li tinħoloq waqt il-perijodi ta' xogħol. Din il-funzjoni essenzjali tal-perijodi ta' mistrieħ tiddgħajjef jekk fihom jiġi inkluż il-ħin li l-ħaddiema itineranti jiddedikaw biex imorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent tagħhom u mill-aħħar klijent tagħhom lejn id-dar tagħhom.

61. Fil-fehma tiegħi, jirriżulta minn dawn l-iżviluppi li huma ssodisfatti t-tliet kriterji tal-kunċett ta' "ħin tax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88. Għaldaqstant, il-ħin li l-ħaddiema itineranti jiddedikaw biex imorru mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent tagħhom u mill-aħħar klijent tagħhom lejn id-dar tagħhom għandu jitqies li jikkostitwixxi "ħin tax-xogħol", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

62. Il-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat fir-rigward tal-ħin tax-xogħol tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq, anki għalkemm hija marbuta mill-qrib ħafna mal-kundizzjonijiet partikolari ta' dak is-settur, fiha ċerti elementi ta' raġunament li jippermettu, fil-fehma tiegħi, li tiġi bbażata fuqhom is-soluzzjoni li qed nipproponi li tħaddan il-Qorti tal-Ġustizzja.

63. Għalhekk, fis-sentenza tagħha Skills Motor Coaches *et* [18], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, essenzjalment, li xufier li jmur mid-dar tiegħu sal-post fejn jieħu f'idejh vettura u jagħżel liberament l-modalitajiet ta' dan il-vjaġġ ma jistax jiġi kkunsidrat li jiddisponi liberament mill-ħin tiegħu, b'mod li dan il-perijodu ma għandux jitqies li jagħmel parti mis-"serħan", fis-sens tad-definizzjoni li tingħata fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 [19]. Fil-fatt, xufier bħal dan li jmur f'post preċiż, li tindikalu l-persuna li timpjegah u li jkun differenti miċ-ċentru operattiv tal-impriża, biex jieħu f'idejh u jsuq vettura jissodisfa obbligu fil-konfront tal-persuna li timpjegah. Matul dan il-vjaġġ huwa, b'hekk, ma jkunx jista' jiddisponi minn ħinu b'mod liberu [20].

64. F'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li peress l-għan tar-Regolament Nru 3820/85 jikkonsisti fit-titjib tas-sigurtà fit-triq, dan il-ħin għandu jitqies li jagħmel parti mill-"perjodi l-oħra kollha ta' xogħol", fis-sens tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85 [21]. Interpretazzjoni bħal din, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tikkonforma mal-għan li jikkonsisti fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera, għaliex tevita li perijodi li matulhom dawn jeżerċitaw attività li tibbenefika lill-persuni li jimpjegawhom, jitqiesu li huma perijodi ta' mistrieħ. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex determinanti, f'dan ir-rigward, li wieħed ikun jaf jekk ix-xufier ikunx irċieva istruzzjonijiet preċiżi dwar il-modalitajiet ta' dan il-vjaġġ. Fil-fatt, meta jmur f'post preċiż u kemxejn 'il bogħod miċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegah, ix-xufier jagħmel ħidma li obbligat jagħmel bis-saħħa tar-relazzjoni li torbtu magħha u għaldaqstant, matul dak il-perijodu, ma jiddisponix liberament mill-ħin tiegħu [22]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fl-istess sens fis-sentenza tagħha Smit Reizen [23].

16 — Sentenza Jaeger (C-151/02, EU:C:2003:437, punt 94).

17 — *Ibidem* (punt 95).

18 — Sentenza Marks & Spencer (C-297/99, EU:C:2001:37).

19 — **Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq** (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 319).

20 — Punti 22 u 23.

21 — **Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq** (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 227).

22 — Punti 26 sa 28.

23 — C-124/09, EU:C:2010:238.

## IV – **Konklużjoni**

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta lill-qorti tar-rinviju bil-mod segwenti:

L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta’ Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi “ħin tax-xogħol”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, il-ħin li dawn il-ħaddiema itineranti, jiġifieri ħaddiema li ma għandhomx post fiss jew abitwali tax-xogħol, jiddedikaw biex jivvjaġġaw mid-dar tagħhom lejn l-ewwel klijent indikat mill-persuna li timpjegahom u mill-aħħar klijent indikat mill-persuna li timpjegahom lejn id-dar tagħhom.